# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 27 ta' April 2017

Rikors Nru. 11 / 15RGM

Kawza fil-lista: 31

**A B**
**vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors pprezentat mir-rikorrenti permezz tieghu talab is-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewgt fl-ghoxrin (20) ta' April tas-sena elf disa' mija u tlieta u sittin (1963) u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg.

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, Leslie B u Ruth Ann Gauci, llum it-tnejn maggorenni u jghixu barra minn Malta u ghandhom sitta u erbghin (46) u erbghin (40) sena rispettivament.

Illi l-partijiet ilhom de facto separati mis-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1998) izda qatt ma sseparaw bil-kuntratt illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li l-partijiet ilhom hafna snin mifrudin legalment llum it-tnejn ghandhom il-hajja personali taghhom;

Illi l-manteniment a favur il-mara huwa regolat perrnezz ta' sentenza tal-Qorti datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003) u ma hemm l-ebda arretrati dovuti mir-ragel lil-mara.

Illi manteniment ghat-tfal ma hemmx peress illi llum huma maggorenni.

Illi assi tal-komunjoni tal-akkwisti l-partijiet ma ghandhom xejn salv ghall xi ftit flus li qieghdin barra minn Malta gewwa bank fl-ammont ta' cirka sebgha mija u erbgha u disghin sterlina (£794);

Illi proprjeta immobli jew mobbli huma ma ghadhomx flimkien;

Illi l-esponenti qieghed jDtti kopja tal-awtorizzazzjoni ta' din 1-Onorabbli Qorti sabiex huwa jipprezenta dan ir-rikors ta' divorzju stante li ma hemm l-ebda lok ta' rikonciljazzjoni ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66F tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat ghoxrin (20) ta’ April tas-sena elf disgha mija u tlieta u sittin (1963).

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi huwa minnu li l-partijiet ilhom sseperati de facto ghal diversi snin;

2. Illi ghalkemm il-manteniment a favur il-mara huwa regolat permezz ta'sentenza tal-Qorti datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta [2003] fl-ammont ta' hamsa u sittin lira maltin (LM65) din is-sentenza ikkonfermat il-manteniment li kien gie stabilit f’ sentenza moghtijia mill-Imhallef Vincent De Gaetano fil-21 ta' Dicembru 1995;

3. Illi hemm kwistjoni bejn il-partijiet dwar l-ammont tal-manteniment ghax l-esponenti dejjem insistiet li dan m'huwiex manteniment adegwat aktar u aktar illi ilu l-istess ammont ghal-ghoxrin sena u qatt ma kien hemm zieda minhabba fil-gholi tal-hajja;

4. L-Artikolu 668 subinciz (C) jghid illi manteniment ordnat mill-Qorti b’sentenza ta' separazzioni jew miftiehem bejn il-mizzewgin f’kuntratt ta' separazzjoni ghandu jigi meqjus bhala manteniment adegwat; b'hekk il-kundizzjoni li manteniment adegwat qieghed jithallas ma tistax tigi sodisfatta ghax la hemm sentenza ta' separazzjoni u lanqas kuntratt ta' separazzjoni bejn il-mizzewgin u ghalhekk il-kondizzjonijiet kollha tal-artikolu 66B ma gewx sodisfatta;

5. Illi kien hemm tentattivi ta' medjazzjoni pero qatt ma kien hemm qbil bejn il-partijiet fuq l-affarijiet pendenti inkluz kif il-komunita tal-akkwisti ghandha tigi mwaqfa;

6. Illi l-ittra mibghuta ghan-nom tal-attur lir-registratur tal-Qorti sabiex jigi nominat medjatur fil-5 ta' Marzu 2014 talbet l-awtorizzazjoni sabiex jipprocedi ghas-separazzjoni personali u mhux ghad-divorzju, b'hekk qabel ma fetah kawza ghad-divorzju l-attur kellu l-ewwel jibda kawza ta' separazzjoni;

7. Illi l-attur fl-istess sentenza, f’pagna tlettax (13) tas-sentenza accetta li li kien ircieva ghaxart elef lira maltija (LM10,000) li minnhom ma hadet xejn il-konvenuta ghalkemm kienu jaghmlu parti mill-komunita tal-akkwisti u b'hekk iz-zwieg ma jistax jinhall qabel ma tigi likwidata l-assi tal-komuni ta' bejniethom u jigu assenjati z-zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali;

8. Illi jezistu ukoll ragunijiet ghalfejn l-attur ghandu jigi ikkundannat responsabbli ghal-firda bejn il-mizzewgin kif mahsuba fl-artikoli 38,40 u 41 u b'hekk ghandhom jigu applikati dak mahsub fl-artikolu 48 u 51 kontra l-attur;

9. Illi skond l-artikolu 66D talba ghad-divorzju ma tistax tigi deciza mill-Qorti jekk it-talba ma ssirx mill-konjugi flimkien jew jekk il-komunita tal-akkwisti ma tkunx gia waqfet u fil-kaz odjern il-komunita tal akkwisti ghada ma gietx itterminata u t-talba ghad-divorzju ma hiex qed issir miz-zewg konjugi flimkien;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet sureferiti l-esponenti bir-rispett titlob lil-Onorabbli Qorti li t-talba tal-attur ghal-hall taz-zwieg ghandha tigi michuda bl-ispejjes kollha kontra l-attur.

Rat in-nota tal-attur (fol 43) li permezz taghha pprezenta kopja awtentika ta’ digriet ta' awtorizazzjoni moghti fit-3 ta’ Frar 2016 wara li l-proceduri ta’ medjazzjoni miftuha b’ittra tal-attur tad-19 ta’ Ottubru 2016 gew maghluqa.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 15 ta' Gunju 2016 (fol 76) li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess.

Semghet ix-xhieda in kontro-ezami tal-attur waqt l-udjenza tat-22 ta' Settembru 2016.

Rat in-nota tal-attur datata 22 ta' Settembru 2016 (fol 53) li permezz taghha pprezenta erba' dokumenti Dok JC1-JC4.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 26 ta' Ottubru 2016 (fol 104) li permezz taghha pprezentat kopja ta’ sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Jannar 2015 (156/2014).

Rat u ezaminat l-atti u l-provi kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**;

Jirrizulta mill-atti processwali illi l-partijiet izzewwgu fl-20 ta' April tas-sena 1963 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal illum it-tnejn maggorenni. Il-partijiet ilhom separati de facto sa mis-sena 1998, izda qatt ma sseparaw legalment, la b’sentenza u lanqas b’kuntratt. Ghalkemm hadd mill-partijiet ma pproceda ghal separazzjoni personali jirrizulta illi b’kuntratt in atti Nutar Dottor Francis Micallef tat-28 ta’ Marzu 1975 il-partijiet, wara li rreferew ghal sentenza fl-ismijniet C Anna B proprio et nomine vs A B tas-16 ta’ Jannar 1975 fejn kien gie deciz illi A B ghandu jhallas lil C D B, ghaliha u ghaz-zewg ulied minuri dak iz-zmien, is-somma ta’ hamsa u erbghin liri Maltin (Lm45) bhala manteniment, bonarjament awmentaw il-manteniment hekk deciz ghal sitta u hamsin liri Maltin (Lm56) u rrizervaw id-dritt illi jitolbu revizzjoni jekk ic-cirkostanzi jitbiddlu.

Jirrizulta illi fil-5 ta’ Settembru 1995 C D B pprezentat citazzjoni kontra zewgha fejn talbet awment tal-manteniment minhabba bdil fic-cirkostanzi. B’sentenza tad-19 ta’ Dicembru 1995 il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ziedet il-manteniment ta’ C D B ghal hamsa u sittin lira Maltin (Lm65).

Fis-sena 2000 A B intavola citazzjoni quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fejn talab li l-mateniment jigi ridott minhabba bdil fic-cirkostanzi filwaqt li C D B resqet talba rikonvenzjonali ghal awment fil-manteniment minhabba bdil fic-cirkostanzi. B’sentenza moghtija fit-28 ta’ Jannar 2003 il-Qorti cahdet sew it-talbiet attrici kif ukoll dawk rikonvenzjonali.

Manteniment ghall-ulied ma hemmx in kwantu dawn huma maggorenni.

Il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet qatt ma giet xjolta.

Salv ghal ftit flus li jinsabu go kont esteru, ma ghandhomx propjeta` komuni, ghalkemm il-konvenuta ghandha pretensjoni kontra l-attur fir-rigward ta' somma li irceva in konnessjoni mal-impieg tieghu u li l-konvenuta tikkontendi li tali somma tappartjeni lill-komunjoni u konsegwentement ghandha dritt ghal nofsha fil-mument li l-komunjoni tigi likwidata u diviza.

**Eccezzjonijiet tal-Konvenuta**

***Illi hemm kwistjoni bejn il-partijiet dwar l-ammont tal-manteniment ghax l-esponenti dejjem insistiet li dan m'huwiex manteniment adegwat aktar u aktar illi ilu l-istess ammont ghal-ghoxrin sena u qatt ma kien hemm zieda minhabba fil-gholi tal-hajja***;

***L-Artikolu 668 subinciz (C) jghid illi manteniment ordnat mill-Qorti b'sentenza ta' separazzioni jew miftiehem bejn il-mizzewgin f'kuntratt ta' separazzjoni ghandu jigi meqjus bhala manteniment adegwat; b'hekk il-kundizzjoni li manteniment adegwat qieghed jithallas ma tistax tigi sodisfatta ghax la hemm sentenza ta' separazzjoni u lanqas kuntratt ta' separazzjoni bejn il-mizzewgin u ghalhekk il-kondizzjonijiet kollha tal-artikolu 66B ma gewx sodisfatta***;

Il-konvenuta tissottometti illi skont l-Artikolu 66B (c), manteniment ordnat mill-Qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-mizzewwgin f'kuntratt ta' separazzjoni huwa meqjus bhala manteniment adegwat, b'dan illi fil-kaz odjern in kwantu l-manteniment ma hu regolat bl-ebda wiehed minnhom, ma tistax titqies sodisfatta din il-kundizzjoni. Jirrizulta illi l-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta huwa regolat b'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tad-19 ta' Dicembru 1995. Meta z-zewg partijiet talbu fil-kawza numru 219/00RCP sabiex ikun varjazzjoni fil-manteniment il-Qorti cahdidilhom it-talbiet kollha taghhom b'sentenza tat-28 ta' Jannar 2003 Tibqa' invigore ghalhekk is-sentenza tad-19 ta' Dicembru 1995. Din l-eccezzjoni ghalhekk hija manifestament infondata u qed tigi respinta.

***Illi l-ittra mibghuta ghan-nom tal-attur lir-registratur tal-Qorti sabiex jigi nominat medjatur fil-5 ta' Marzu 2014 talbet l-awtorizzazjoni sabiex jipprocedi ghas-separazzjoni personali u mhux ghad-divorzju, b'hekk qabel ma fetah kawza ghad-divorzju l-attur kellu l-ewwel jibda kawza ta' separazzjoni***;

Raguni ohra ghaliex skond il-konvenuta it-talba attrici m'ghandiex tintlaqa' hi li l-ittra mibghuta ghan-nom tal-attur lir-registratur tal-Qorti sabiex jigi nominat

medjatur, talbet l-awtorizazzjoni sabiex jipprocedi b'kawza ghal separazzjoni personali u mhux ghal divorzju.

Jirrizulta (fol. 23) illi qabel giet intavolata l-kawza odjerna u cioe' fis-6 ta' Marzu 2014, l-attur ipprezenta ittra fir-registru fejn talab in-nomina ta' medjatur minhabba illi z-zwieg tal-partijiet "tfarrak irrimedjabbilment minhabba ragunijiet gravi imputabbli unikament lill-istess martu u li skond il-ligi jaghtu lok ghas-separazzjoni personali". L-ittra tkompli billi l-attur jitlob lill-Qorti tawtorizzah sabiex ai termini tar-regolament 4 (1) tal-Avviz legali 397/2003 "...jipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma' martu C D B ...." Imkien fl-ittra ma jissemma divorzju.

Fil-mori tal-kawza, u cioe' fid-19 ta' Ottubru 2015, l-attur intavola ittra ohra (fol. 45) , ittra identika ghal dik ipprezentata fis-6 ta' Marzu 2014 fejn ukoll jaghmel referenza ghall-awtorizzazzjoni sabiex jipprocedi ghal separazzjoni personali izda mhux ghal divorzju.

Ikkunsidrat;

Skond Regolament 4 tal-Ligi Sussidjarja 12.20 min jixtieq jipprocedi b'kawza ta' divorzju ghandu qabel xejn jipprezenta rikors, u mhux ittra, fejn jindika l-vertenza u jitlob in-nomina ta' medjatur tal-familja.

L-atti istitwiti mill-attur huma monki f'zewg fatturi; l-ewwel ghaliex l-attur kellu qabel xejn jipprezenta rikors u mhux ittra ghall-medjazzjoni in kwantu kellu l-hsieb li jipprezenta talba ghal divorzju u mhux talba separazzjoni personali; it-tieni, l-ittra minnu intavolata titkellem biss dwar separzzjoni personali u mhux dwar divorzju. Fil-mori tal-kawza l-attur intavola ittra ohra ghall-medjazzjoni identika bhal dik ta' qabilha; ma ta ebda spjegazzjoni ghaliex ghal darb' ohra rega intavola ittra jitlob awtorizzazzjoni sabiex jintavola kawza ta' separazzjoni personali u mhux talba ghal divorzju, tenut kont illi kien konxju tal-eccezzjoni in dizamina. Din l-eccezzjoni ghalhekk tirrizulta fondata.

***Illi l-attur fl-istess sentenza, f'pagna tlettax (13) tas-sentenza accettai li kien ircieva ghaxart elef lira maltija (LM10,000) li minnhom ma hadet xejn il-konvenuta ghalkemm kienu jaghmlu parti mill-komunita tal-akkwisti u b'hekk iz-zwieg ma jistax jinhall qabel ma tigi likwidata l-assi tal-komuni ta' bejniethom u jigu assenjati z-zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali;***

***Illi jezistu ukoll ragunijiet ghalfejn l-attur ghandu jigi ikkundannat responsabbli ghal-firda bejn il-mizzewgin kif mahsuba fl-artikoli 38,40 u 41 u b'hekk ghandhom jigu applikati dak mahsub fl-artikolu 48 u 51 kontra l-attur;***

***Illi skond l-artikolu 66D talba ghad-divorzju ma tistax tigi deciza mill-Qorti jekk it-talba ma ssirx mill-konjugi flimkien jew jekk il-komunita tal-akkwisti ma tkunx gia waqfet u fil-kaz odjern il-komunita tal akkwisti ghada ma gietx itterminata u t-talba ghad-divorzju ma hiex qed issir miz-zewg konjugi flimkien;***

Ikkunsidrat;

L-**Artikolu 66B tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

*"66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) "fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*
*(b) "ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*
*(ċ) "il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*"Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*"Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*
*"Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi."*

L-**Artikolu 66D (5) tal-Kap 16** jipprovdi:-

*"(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu u biss fejn il-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata tkun waqfet, il-partijiet ikollhom dritt li f'kull każ, bi qbil bejniethom, jgħaddu għad-divorzju mingħajr ma jillikwidaw l-assi komuni ta' bejniethom."*

**Ikkunsidrat**:

L-Artikolu 66D (5) tal-Kap 16 appena citat jipprovdi li f'kazijiet fejn talba ghal divorzju ma tkunx preceduta minn kuntratt ta' separazzjoni konsenswali jew minn sentenza ta' separazzjoni personali li tittermina u tillikwida l-assi tal-komunjoni, il-Qorti tista' titratta u tiddeciedi talba ghal divorzju biss jekk it-talba ssir miz-zewg konjugi flimkien, u jekk il-komunjoni tal-akkwisti tkun gia' waqfet.

Fil-kaz odjern jirrizulta inkontestat li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ghadha ma gietx itterminata u li t-talba ghad-divorzju ma hiex qed issir miz-zewg konjugi flimkien. Ghal kuntrarju jirrizulta li l-konvenuta qeghdha tikkontesta l-azzjoni promossa mill-attur, inter alia, propju abbazi tal-provvedimenti tal-Artiklu 66D(5).

Japplikaw ghalhekk il-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza "**Anthony Pisani vs Rita Maria Pisani"** (citaz 156/14RGM) moghtija fid-29 ta' Jannar 2015:-

"*L-Artikolu 66D (5) tal-Kap.16 appena citat huwa car. F'kazijiet fejn talba ghal divorzju ma tkunx preceduta minn kuntratt ta' separazzjoni konsenswali jew minn sentenza ta' separazzjoni personali li tittermina u tillikwida l-assi tal-komunjoni, l-Qorti tista' biss titratta u tiddeciedi talba ghal divorzju; 1) Jekk it-talba ssir miz-zewg konjugi flimkien, u 2) Jekk il-komunjoni tal-akkwisti tkun gia' waqfet.*

*Fil-kaz odjern huwa pacifiku li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ghadha ma gietx terminata u li t-talba ghad-divorzju ma hiex qed issir miz-zewg konjugi flimkien. Fic-cirkostanzi l-kawza odjerna ma tistax tipprosegwi peress li jehtieg li t-talba ghad-divorzju titressaq flimkien ma' talba ghat-terminazzjoni u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Huwa evidenti illi l-iskop tal-Legislatur kien li f'kawza ta' divorzju mhux preceduta minn separazzjoni konsenswali jew sentenza ta' separazzjoni personali, japplikaw id-disposizzjonijiet li jipprovdu numru ta' kawteli lill-konjugi f'litigju matrimonjali.*

*Il-Qorti ghalhekk hija prekluza milli titratta talba ghal divorzju mhux precedut minn separazzjoni legali jekk il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ghadha fis-sehh u t-talba ma ssirx miz-zewg konjugi flimkien.*

*Ostakolu iehor ghall-prosegwiment tal-kawza huwa l-fatt illi l-attur naqas milli jottempera ruhu mad-disposizzjonijiet tal-Ligi Sussidjara 12.20 li tistipula illi sabiex konjugi jipprocedi b'kawza ta' divorzju mhux precedut minn kuntratt ta' separazzjoni konsenswali jew sentenza ta' separazzjoni jehtieg li jintavola rikors ghall-medjazzjoni u jipprocedi biss jekk jigi hekk awtorizzat mill-Qorti."*

Il-Qorti tikkonferma l-konsiderazzjoni hemm maghmula u tqishom applikabbli ghall-kaz indizamina.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta` u tiddeciedi l-kawza.

1. Tichad l-eccezzjoni mmarkata bin-numru 4;

2. Tilqa’ l-eccezzjonijiet mmarkati bin-numri 6, u 9;

3. Tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**